MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2011

Numru. 1010/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**(Spettur Bernard C.Spiteri)**

**vs**

**Jesmond Chetcuti**
**Maria Concetta Chetcuti**

Kumpilazzjoni Nru: 1010/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

Jesmond Chetcuti ta’ 47 sena, iben Angelo u Rita nee’ Vella, imwieled H’Attard, nhar it-13 ta’ April, 1963 u residenti fil-fond ‘Places’, Triq K.Galea, Birkirkara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 231863M

U

Maria Concetta Chetcuti  ta’ 48 sena, bint Roger u Lydia nee Agius, imwielda l-Isla, nhar it-2 ta’ Settembru, 1962 u residenti fil-fond ‘Places’, Triq K.Galea, Birkirkara u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 557462M

Akkuzati talli
1. F’Birkirkara u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, nhar is-16 u 17 ta’ Gunju, 2010 serqu jew hbew tarbija u cioe’ lil Zakery Chetcuti ta’ 18 i- xahar iben Daria Chetcuti;
2. Fl-istess data, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom taghti s-setgha lill-privat li jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestasta, mizmuma jew issekwestrata arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-istess Zakery Chetcuti liema delitt sar fuq persuna minn dawk imsemmija fl-artikolu 202(h) tal-Kodici Kriminali.
3. U wkoll talli f’Malta, f’Gunju, 2010 assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu deltit f’Malta li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat liz-zewg imputati biex jigu gudikati minn din l-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli 17, 86, 87(d) u 210 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti mertu ta’ dawn il-proceduri svolgew fi sfond ta’ disgwid familjari. L-imputati huma n-nanniet tat-tarbija imsemmija f’l-imputazzjonijiet liema tarbija (tifel li jismu Zakery) hija bin it-tifla taghhom Daria. Daria welldet lil Zakery meta hija kienet ghad minorenni u kienu ommha u

missierha (l-imputati) li hadu hsieb il-bzonnijiet taghha u ta' Zakery. Daria kienet u, ghalkemm issa hija magorenni, ghada tghix ma ommha u missierha flimkien ma' Zakery; hi ghada finanzjarament, imma mhux biss, dipendenti fuqhom. Id-disgwid bejn l-imputati u binthom kien jikkoncerna lir-ragel li Daria kellha relazzjoni mieghu u li allegatament huwa missier it-tarbija. Jidher ukoll li kienu l-imputati li primarjament kienu jiehdu hsieb il-kura u t-trobbija ta' Zakery.

Illi fattur ta' certa rilevanza fil-proceduri odjerni huwa dak li l-kura u kustodja tal-minuri Zakery hija legalment ezercietata minn ommu Daria u mhux mill-imputati.

Illi ghandu jinghad li bhala provi f'din il-kawza hlif l-ufficjali tal-pulizija li b'xi mod kienu involuti f'l-investigazzjoni tal-kaz ma kienx hemm ghaliex Daria ghazlet li ma tixhiedx u l-imputati ukoll ghazlu li ma jixhdux ghalkemm dawn ta'l-ahhar kienu rrilaxxjaw stqarrija. Konsegwentement x'gara ezattament biex Daria waslet biex tmur taghmel ir-rapport ghand il-pulizija jista' jirrizulta biss minn dak li hija qalet lill-pulizija li tkellmu maghha fil-kors ta' l-avvenimenti li sehhew matul dawk is-sieghat, u mill-istqarrijiet rilaxxjati.

Illi minn dan jirrizulta li fil-gurnata in ezami l-imputat kellhu xi battibekk ma' bintu; din, fil-waqt li halliet lit-tifel fid-dar ghand missierha u ommha, telqet mid-dar u baqghet sejra l-ghassa tal-pulizija fejn hemm ghamlet rapport fis-sens li hija ma redietx tibqa tghix mal-genituri taghha u li riedet li tiehu lil Zakery maghha u talbet l-ghajnuna tal-pulizija biex hija tinghata lit-tarbija taghha.

Illi l-pulizija ghamlu kuntatt ma'l-imputat li kkonferma li Zakery kien qieghed ghandu u ghand l-imputata pero dan ma ridx jghid fejn kienu qeghdin u ghat-talba tal-pulizija biex jiehu lil Zakery l-ghassa huwa irrifjuta. Fil-fatt huwa mar l-ghassa pero mar wahdu u hemm baqa jirrifjuta li jghid fejn kien qieghed Zakery. L-ispettur prova jwassal liz-zewg partijiet, cioe lill-imputat u lil Daria, li kienet prezenti ukoll f'l-ghassa meta kien hemm l-imputat, ghal xi tip ta' kompromess, imqar temporanju, pero kien kollox inutli. L-imputat baqa jirrifjuta jghid fejn kien jinstab

Zakery. Ghalhekk Daria flinmkien ma xi pulizija, telqu mill-ghassa biex imorru jippruvaw isiebu lil Zakery. Sadattant l-pulizija irnexxielha taghmel kuntatt ma'l-imputata li kkonfermat li Zakery kien qieghed maghha pero irrifjutat li tghid fejn kienet; jidher li kien l-imputat li taha struzzjonijiet biex taghmel hekk. Wara tentattivi ohra tal-pulizija ma'l-imputata din eventwalment infurmathom fejn kienu u fil-fatt Zakery instab hemmhekk.

Illi wara xi granet ir-relazzjoni ta' bejn l-impuati u Daria regghet marret ghall-ahjar tant li wara ftit zmien hija regghet bdiet tghix ghandhom flimkien ma Zakery.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijet migjuba kontra l-imputati ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali huma tnejn u cioe li l-imputati serqu jew hbew lit-tarbija Zakery, u li arrestaw, zammew jew issekwestraw illegalment lill-imsemmi Zakery u li zammewh hekk sekwestrat ghad li kienu inghataw ordni minn awtorita kompetenti biex jikkonsenjaw lil Zakery.

Illi dwar is-sekwestru ta' persuna l-Professur Sir Anthony Mamo[1] jghid hekk:

*The words arrest detention and confinment are not synonymous. Each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty. Il reato preveduto nell'articolo 169 (our section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentrre che agisce o camina, sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova, sia quando finalmente si trasporti da un lugo ad un altro ..... Thus a person may be detained in his own home without having been previously arrested....* [2]

Illi f'l-istess sens ikkummenta wkoll Maino[3] meta qal li

[1] Notes on Criminal Law Vol II
[2] Ara ukoll Pulizija vs Mohamed Elbozidi Appell Kriminali deciz 19.02.2004
[3] Raf Commento al Codice Penale Vol II pagna 112 e

*la privazione della liberta si verifica anche nel fatto di rinchuidere taluno in un luogo nel quale gia si trova, fosse pure la sua stessa casa.*

Illi anki Antolisei[4] fil-kummentaju tieghu jghid li
*risponde quindi del reato ... tanto chi chiude una persona in una stanza, impedendole di uscirne, quanto chi omette di restituire ad un terzo la sua liberta di movimento, trattenendolo indebitamente nel luogo in cui e rinserrato.*

Illi aktar minn hekk l-istess Antolisei jinnega li r-reat in easmi ma jistax jigi kommess fuq certi persuni u b'mod partikolari trabi. Huwa jghid:
*Alcuni autori sostengono che soggetti passivi del delitto possono essere soltanto le persone che, godendo piena liberta fisica di movimento, sono in grado di sentire la privazione della medesima, onde il sequestro non sarebbe configurabile nei confornto dei bambini... Questa tesi non puo ritenersi fondata perche la legge tutela obbiettievamente la liberta fisica di ogni persona....*[5]

Illi dwar l-mottiv li jista' jinduci persuna biex tissekwestra persuna ohra illegalment l-imsemmi Professur Sir Anthony Mamo jghid hekk:
*... the law does not, in contemplating the simple form of this crime, specify the purpose which may have actuated the offender in committing the illegal arrest, detention or imprisonment ... whatever may have been the motive of the offender ... or whether any motive is made to appear at all, if the fact of the illegal arrest ... is proved the offence subsists, saving the right of the judge to avial himself of the latitude of punishment left to his discretion to proportion the same to the greater or lesser wrongfulness of the motive.*[6]

Illi dan ir-reat, is-sekwestru illegali ta' persuni, ghalkemm simili hafna ghar-reat l-iehor li huwa migjub kontra l-imputati, u cioe il-htief u habi (f'dan l-ahhar kaz) ta' tarbija (*kidnapping or concealing* fit-test Ingliz ta'l-artikolu 210 tal-

---
[4] Manuale di Diritto Penale parte speciale I pagna 154
[5] Op cit  pagna 156/157
[6] Op cit

Kapitolu 9) ivarja minn dan l-ahhar reat f'aspett materjali tieghu.

Illi fil-fatt huwa ritenut li
*The actus reus of kidnapping ... is similar to that of false imprisonment insofar as it involves the unlawful deprivation of victim's liberty, but it differs from false imprisonment in that it also requires victim to be taken or carried away, either by force or by fraud.*[7]

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li Zakery kien qieghed ghand l-imputati meta nqala d-disgwid bejn l-istess imputati u ommu. Jirrizulta ukoll li Daria telqet mid-dar tal-genituri taghha wahedha u Zakery baqa hemm ma'l-imputati ghalkemm mhux car jekk f'dak l-istadju Daria talbiethom jikkonsenjawlha lil Zakery. Li hu zgur pero hu li aktar tard, l-ewwel tramite l-pulizija u sussegwentement anke personalment meta kienet l-ghassa tal-pulizija u kien hemm ukoll l-imputat, hija, il-persuna legalment fdata bil-kura u l-kustodja ta' Zakery u konsegwentement l-unika persuna li setghet legalment tiehu decizjonijiet f'isem Zakery, talbet lill-imputati biex jikkonsenjawlha lil Zakery; iz-zewg imputati pero irrifjutaw li jaghmlu hekk ghal numru ta' sieghat. Mhux hekk biss imma huma haduh f'post iehor u irrifjutaw ukoll li jghidu fejn kienu haduh. Kien biss wara certu hin li l-imputata iddecidiet li tizvela fejn kien Zakery u tikkonsenjah lil bintha Daria.

Illi fil-fehma tal-Qorti ghalhekk jirrizulta li ghal dak il-hin kollu minn meta Daria talbet lill-imputati, anke tramite l-pulizija, biex jikkonsenjawlha lil Zakery u huma irrifjutaw u anke irrifjutaw lli jghidulha fejn kien qieghed, huma kien qed jzommu lil Zakery illegalment. L-imputati kienu jafu lil huma ma kellhomx dritt li jzommu lil Zakery ghaliex kif jistqarr l-imputat stess f'l-istqarrija tieghu hu rrifjuta li jghid fejn qieghed Zakery biex jirbah ftit zmien sa kemm jara x'seta' jaghmel biex jimpedixxi lil bintu milli tmur ma' Zakery fil-prezenza ta'l-allegat missier it-tarbija. Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-imputati ghamlu hekk ghaliex huma kienu konvinti li kienu qed jagixxu f'l-ahjar interess

[7] Blackstone's Criminal Practice 2009 B2 80 et seq page 251

ta' Zakery. Pero dan ma jibdlix il-fatt li, f'nuqqas ta' xi hjiel li Daria kienet ser tpoggi lil Zakery f'xi perikolu imminenti, huma ma setghux jzommu lil Zakery kontra r-rieda ta' dik l-unika persuna li kellha d-dritt li tiehu decizjonijiet f'isem Zakery. Konsegwentement il-Qorti hija konvinta ukoll li jissussisti r-reat kontemplat f'l-artikolu 86 b'l-aggravju kontemplat f'l-artikolu 87(d) tal-Kapitolu 9. Ma jirrizutlax pero li Zakery gie taht il-kontroll ta'l-imputati permezz ta' l-uzu ta' forza jew frodi da parti ta'l-imputati ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jissussistiex r-reat kontemplat f'l-artikolu 210 tal-Kapitolu 9.

Illi ghandu jigi rilevat li fic-citazzjoni kien hemm migjub kontra l-imputati reat iehor u cioe l-assocjazzjoni b'l-ghan li jitwettaq delitt. Pero fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali m'hemm l-ebda referenza ghal dan id-delitt ghalhekk il-Qorti trid bil-fors tastjeni milli tiehu konizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjoni relattiva.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni. Bla dubbju ta' xejn l-ewwel fattur li necessarjament ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghom qed jinstabu hatja l-imputati.

Illi min-naha l-ohra, anke in linea ma l-insenjament tad-dottrina fuq kwotata, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni ukoll l-mottiv li wassal lill-imputati biex jikkommettu dawn ir-reati hekk kif ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali taghhom li hija netta[8] u fil-kaz ta' l-imputata l-fatt li hija eventwalment ikkonsenjat lil Zakery volontarjament.

Illi fattur iehor li l-Qorti thoss li ghandha tiehu in konsiderazzjoni huwa dak li llum r-relazzjonijiet bejn l-imputati u binthom huma ristabbiliti, tant li Daria u Zakery regghu qed jghixu mal-imputati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputati fic-citazzjoni, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputati hatja ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghhom fic-

[8] Fil-kaz ta'l-imputata ghalkemm mhux netta  tista' titqies netta.

citazzjoni u tilliberahom minnha, wara li rat l-artikoli 86 u 87(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghhom fic-citazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputat Jesmond Chetcuti bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar u tillibera lill-imputata Maria Concetta Chetcuti bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien disa' xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk jaghmlu reat iehor fil-perjodi fuq indikati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------